**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta’ Ottubru, 2017

Rikors Nru : 250/17 AL

**AB**

**u**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi huma żżewgu nhar is-sitta (6) ta’ Novembru tas-sena elf disgha mija u disgha u disghin (1999), certifikat taz-Zwieg esebit, anness u mmarkat **Dok.‘A’**;

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett (3) itfal, Adam li twieled fis-26 ta' Marzu 1999 , Karim li twieled fid- 9 ta ' Ottubru 2004 u

Akram li twieled fl-4 ta' Novembru 2008 li llkoll twieldu gewwa tas-Sliema , Malta .;

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia datat l-ghaxra (10) ) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012), kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni esebit, anness u mmarkat **Dok. 'B'**;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba' (4) snin legalment separati, illum kull parti tghix hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra AB ffurma rabtat ma' persuna ohrajn u ghandu zewg ulied ;

Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovut lil mara , u r-ragel dejjem onora u hallas il-manteniment dovut skond klawzoli tlieta (3) u erbgha (4) tal-kuntratt ta' separazzjoni anness;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal otteniment tad-Divorzju skont l-Artikolu 66B tal-KodiciCivilital-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu li din il- Qorti :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun reġistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Lulju, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-10 ta' Mejju 2012;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.